**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 203/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1441/2008)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Nghid illi fis-sittax (16) t' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) izzewwigt lil Sabrina Tedesco u minn dan iz-zwieg kellna zewg itfal, D B li twieldet fis-sbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (17.01.2011) E Bli twildet fis-sbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (17.01.2014) u ghalhekk huma minuri.

2. Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Liza Schembri datat il-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. A);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal kwazsi erbgha (4) snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet u lanqas versu l-ulied;

5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-sittax (16) t'Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

2. Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

3. Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta’ April 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u debitament notifikata twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Lulju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.